/

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 526/2020 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-Vs-**

**ALI MOHAMMED MUNIR GAMMUDI**

**Illum, 23 ta’ Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **ALI MOHAMMED MUNIR GAMMUDI** ta’ 38 sena, iben Mohammed u Kexija nee' Treki imwieled l-Libja, nhar il-21 ta Diċembru 1981, residenti CCF u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 133089A li tressaq quddiemha akkużat talli:-

Nhar id- 9 ta Lulju 2020 wara nofs inhar, ġewwa Navina Hotel, Triq il- Fliegu, San Pawl il-Baħar :

1. Ikkommetta serq, li huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgħa' u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-lok,

għad dannu ta' Ramil Kalinkin u Mahmoud Ismail Ahmed u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' oħra;

2. Finalment, nakkużawh ukoll, talli rrenda ruħu reċidiv permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2022[1] fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 269, 278, 279(b), 280(1)(2), 281(a), 284 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikolu 49, 50, 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-12 ta' Mejju 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

---

[1] Bi żball din in-nota tindika d-data tat-28 ta' Frar 2022 iżda hu evidenti li dan huwa żball tal-pinna, *lapsus calami*.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2022 jiddikjaraw li l-kawża tista' titħalla għas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ jikkonċerna serq aggravat minn diversi kmamar ġewwa Mavina Hotel, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar.  L-imputat qed jiġi mixli li huwa wettaq dan is-serq fid-9 ta' Lulju 2020 fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar.

**<u>Provi tal-Prosekuzzjoni</u>**

**Meriam Abdussalam** xehdet illi l-imputat kien jirrisjedi magħha ġewwa kamra f'lukanda San Pawl il-Baħar, flimkien ma' persuna oħra Eġizzjana bil-laqam Abu Fares.  Dan tal-aħħar kien mar l-Italja u kien ħalla l-affarijiet tiegħu magħha biex teħodlu ħsiebhom.  Murija r-ritratti meħudin minn filmat tas-cctv camera fil-lukanda Mavina Hotel[2], ix-xhud għarfet lilha nnifisha fir-ritratt immarkat 'Y', l-imputat fir-ritratt immarkat 'X' u persuna oħra Tuneżina fir-ritratt immarkat 'Z'.  Spjegat illi dakinhar hija kienet qed iġġorr basktijiet suwed kontenenti ħwejjeġ u oġġetti ta' Abu Feres, mill-kamra fil-lukanda għal ġo appartament li kienet kriet ġewwa San Pawl il-Baħar.  Il-basktijiet bil-ħwejjeġ tagħha kienet diġa' ħadithom fl-appartament ġimgħa qabel.  Ikkonfermat ukoll li r-raġel Tuniżin li jidher fir-ritratt immarkat 'Z' ma tafux, iżda meta staqsiet lill-imputat x'kien qed jagħmel hemmhekk, huwa qalilha li ma kellux fejn jorqod u kien ser jagħmel jumejn magħhom.  Xehdet ukoll li kien hemm taxi isfel li kien għamel nofs siegħa jistenna u rat li t-Tuneżin kellu ħafna basktijiet f'idejh b'oġġetti li l-imputat qalilha li ġew minn ħafna kmamar fil-lukanda, kmamar

[2] Ara timeline Dok. SB1

ta’ persuni residenti fil-lukanda. Uħud minn dawn il-basktijiet bl-oġġetti tpoġġew fit-taxi u ttieħdu fl-appartament li kienet kriet filwaqt li oħrajn ħadhom ir-raġel Tuneżin. Hi rat illi f’dawn il-basktijiet kien hemm, fost oġġetti oħrajn, ġakketta tal-ġilda, żraben, xfafer, żewġ laptops jew tlieta u mobile phone flimkien ma’ passaporti u dokumenti ta’ ċittadini Sirjani u Munir, l-imputat, ħadhom fid-dar li hija kriet. Lil Munir qaltlu: “*inti ħadt dawk il-passaporti tan-nies. Reġġa’ lura lin-nies*”, iżda madankollu, kienu ntremew x’imkien.

**Ramil Kalinkin** xehed illi sa ftit xhur qabel huwa kien jirrisjedi ġewwa Mavina Hotel, f’Block A, kamra 404 u fid-9 ta’ Ġunju 2020, kif kien dieħel lura fil-lukanda wara x-xogħol għall-ħabta tal-5.00 p.m., ra li l-bieb tal-kamra tiegħu kien imbexxaq u deher li kien ukoll imkisser. Kif daħal fil-kamra sab kollox mal-art u minnufih niżel fir-reception biex jgħarrafhom li xi ħadd kien seraq mill-kamra tiegħu. Hu ma mess xejn sakemm ġew il-Pulizija fuq il-post fejn imbagħad, intebaħ li kien ġie misruq il-laptop u l-mobile phone tiegħu, kif ukoll tliet ġgieget tal-ġilda fost ħwejjeġ oħrajn li jinsabu elenkati f’lista[3], liema oġġetti b’kollox jiswew ċirka €2,000.

**Mahmoud Ismail Ahmed** xehed illi fid-9 ta’ Lulju 2020 huwa kien qed jirrisjedi fl-appartament bin-numru 304A ġewwa Mavina Hotel, Buġibba u għall-ħabta ta’ 8.00 p.m. irċieva telefonata mill-Pulizija fejn ġie infurmat illi xi ħadd kien daħal jisraq mill-appartament tiegħu f’din il-lukanda. Meta mar fuq il-post ra li xi ħadd kien illieva l-bieb tal-appartament u l-injam tal-bieb kien imkisser ukoll. Innota wkoll li l-passaport Eġizzjan tiegħu kif ukoll laptop tat-tip Lenovo, kienu neqsin. Insterqu wkoll *electric vape*, żewġ nuċċalijiet tax-xemx tad-ditta Rayban, tablet tat-tip Microsoft, arloġġ Adidas u ieħor Casio kif ukoll mobile phone tal-għamla Nokia, liema oġġetti kienu lkoll fl-appartament. Ikkonferma li l-valur tal-oġġetti kollha misruqin huwa ta’ ċirka €1,800 jew €1,900 u sa dakinhar kien għadu ma ħa xejn minnhom lura. Muri r-ritratti formanti parti minn Dok. SB1, ix-xhud ikkonferma illi huwa kien ġie muri dawn ir-ritratti mill-management tal-lukanda u fihom għaraf tliet persuni differenti iżda ma jafx min huma dawn il-persuni.

[3] Ara lista Dok. RK1

**PS 1439 Karl Pace** li kien investiga dawn is-serqiet, xehed illi huwa kien analizza l-filmati ta' cctv cameras istallati ġewwa Mavina Hotel, filmati li ngħtata aċċess għalihom minn Chris Camilleri, il-General Manager tal-lukanda, fejn identifika tliet persuni, tnejn maskili u mara, qegħdin iġorru bastkijiet kbar deħlin u ħerġin mill-kumpless. Huwa qabbel ir-ritratti ta' Ali Mohammed Munir Gammudi – il-persuna residenti fil-kamra A403 fil-lukanda - li ġew provduti lilu mill-General Manager tal-lukanda, ma' wieħed mill-persuni maskili li jidher fil-filmati u għaraf li huwa l-istess persuna. Ix-xhud għaraf ukoll lill-imputat fl-awla bħala din il-persuna li tidher fil-filmati u bħala Ali Muhammed Munir Gammudi li jidher fir-ritratti li għaddielu l-General Manager u fir-ritratti tiegħu li jinsabu fis-sistema tal-Pulizija. Fisser illi għalkemm l-imputat liebes maskra, kellu wiċċu mgħammad ukoll fir-ritratti tal-filmati, fl-aħħar filmat deher ipejjep sigarett b'wiċċu mikxuf u seta' wkoll jidentifikah mill-fattizzi ta' għajnejh anke għaliex dam ħafna ħin janalizza r-ritratti.

**Christopher Camilleri**, il-Manager ta' Mavina Hotel, Triq il-Fliegu, Buġibba, xehed[4] illi Munir Gammudi daħal jirrisjedi fil-lukanda fl-24 ta' Ġunju 2020 fl-appartament bin-numru A403, iżda għalkemm kien ħallas is-somma ta' €450 għal xahar sħiħ bil-quddiem, telaq fid-9 ta' Lulju 2020, fl-istess ġurnata li Ramil Kalinkin ġie jinformah fir-reception li sab l-appartament tiegħu, bin-numru A404, sgassat. Dan l-appartament jiġi eżatt quddiem l-appartament A403 mikri lil Munir Gammudi. Hu kien tela' mal-klient fl-appartament u ra l-bieb sgassat u ra wkoll li kien hemm appartament ieħor vakanti, A303, kif ukoll l-appartament bin-numru A304 fis-sular ta' taħt, li wkoll kienu sgassati. Dan tal-aħħar kien jirrisjedi fih Ismael Mahmud. Meta huwa daħal fl-appartament mikri lil Munir Gammudi, sab li kien kompletament vojt għaliex kien ittieħed kollox, anke l-affarijiet li suppost ikunu fil-kamra, fosthom ložor u imħaded. Ix-xhud għaraf lil Munir Gammudi, il-persuna li kriet l-appartament A403, fil-filmati mill-cameras tas-cctv tal-lukanda iżda ma reġgħex ġie lura l-lukanda wara dakinhar u

[4] Xhieda tas-6 ta' Jannar 2021. Ara wkoll xhieda tal-istess Christopher Camilleri fl-atti tal-Inkjesta, fol. 41 sa 45 tal-proces-verbal Dok. GA1.

għalkemm kien ċempillu darbtejn biex jiġi l-lukanda, baqa' ma marx u beda jaqtagħlu meta reġa' pprova jċempel.

**L-esperti tax-xena tad-delitt**[5] li ġew maħtura fl-Inkjesta Maġisterjali, elevaw diversi impronti diġitali, tnejn minn kaxxa ta' mobile phone Iphone X li kien hemm fil-kamra A404[6] u tnejn oħra minn kaxxa ta' Medovir li nstabet fil-kamra A303[7]. Il-*lifters* relattivi ġew imqabbla mal-impronti tal-imputat, elevati *seduta stante* mill-espert ġudizzjarju tal-impronti diġitali, Joseph Mallia[8] li kkonkluda illi l-ebda wieħed mill-impronti ma kienu jaqblu ma' dawk tal-imputat.

**Verżjoni tal-Imputat**

Fl-istqarrija li huwa rrilaxxa fid-19 ta' Settembru 2020, l-imputat ċaħad li qatt daħal fil-kmamar ta' persuni oħrajn residenti fil-lukanda u sostna li hu kien kera post ieħor fejn kien ser imur joqgħod ma' Meriam u ma' Abu Fares, u kien qed iġorr il-basktijiet bl-affarijiet tiegħu biex jitfagħhom fil-post il-ġdid. Qal ukoll illi huwa kien ħalla ċ-ċavetta tal-kamra fil-lukanda ma' Tarek biex jibqa' joqgħod hemmhekk peress li l-kamra kienet mikrija u mħallsa sal-aħħar tax-xahar. In segwitu rrilaxxa stqarrija oħra, fl-10 ta' Ottubru 2020, assistit minn interpretu, fejn irrifjuta li jwieġeb għad-domandi li sarulu dwar l-allegat serq minn erba' kmamar fil-lukanda fid-9 ta' Lulju 2020

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li kkommetta serq għad-dannu ta' Ramil Kalinkin u Mahmoud Ismail Ahmed.

---

[5] Relazzjoni ta' WPS 293 Michelle Camilleri u PC 1111 Braden Borg, Dok. MC esebita 2 ta' Settembru 2021.
[6] Lifters Dok. 20 BES 301A u Dok. 20 BES 302B. Ara ritratti a fol 191.
[7] Lifters Dok. 20 BES 303A u Dok. 2- BES 304B.
[8] Seduta tas-6 ta' Ottubru 2021.

Huwa minnu illi l-imputat jintgħaraf mingħajr diffikolta' bħala l-persuna li tidher fil-filmati[9] fil-ħin tal-15:37h, 15:42h u 15:48h dieħel u ħiereġ mill-bieb tal-komun tal-lukanda. Il-Qorti rat l-imputat ripetutament fuq medda ta' sena matul is-smigħ ta' din il-kawża u huwa faċilment identifikabbli f'dawn il-filmati u ġie hekk identifikat ukoll mill-istess filmati minn PS 1429 Karl Pace. Barra minn hekk, Christopher Camilleri, il-general manager tal-lukanda, ikkonferma illi waħda mill-persuni li jidher fil-filmati huwa Munir Gammudi li kera l-appartament bin-numru A403 fl-24 ta' Ġunju 2020 u telaq mil-lukanda prematurament dakinhar stess tas-serqiet, fid-9 ta' Lulju 2020. Madanakollu, l-imputat qatt ma jidher f'dawn il-filmati ħiereġ b'xi basktijiet f'idu. Huma Meriam Abdussalam u l-persuna Tuniżina – persuna li l-imputat fl-istqarrija u l-istess Meriam Abdussalam, ikkonfermaw li huwa kien magħhom fil-lukanda - li jidhru ħerġin mil-lift tal-lukanda u mill-bieb ta' barra, iġorru l-basktijiet.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda xhud li ra lill-imputat jisgassa l-bibien u jew jidħol fil-kmamar mikrijin lil Ramil Kalinkin u lil Mahmoud Ismail Ahmed fid-9 ta' Lulju 2020 u ma jirriżultax li kien hemm CCTV camera fis-sulari fejn jinsabu l-kmamar 404 u 303 fil-blokk A tal-lukanda. Ukoll, kif rajna diġa', ma nstabu l-ebda impronti tal-imputat fuq il-bieb ta' dawn il-kmamar jew fuq xi oġġett ġewwa dawn il-kmamar.

L-uniċi provi li jorbtu lill-imputat maż-żewġ serqiet huma:-

- L-identifikazzjoni tal-imputat bħala wieħed mill-persuni li jidher fil-filmati tal-cameras dieħel u ħiereġ mil-lukanda fid-9 ta' Lulju 2020 bejn l-15:30h u l-16:00h;
- Ix-xhieda ta' Christopher Camilleri fejn xehed illi l-imputat ma reġax mar lura fil-lukanda wara dakinhar li ġew misruqa l-kmamar fil-lukanda, minkejja li kien ħallas għall-kiri tal-kamra A403 bil-quddiem sal-24 ta' Lulju 2020 u baqa' ma marx ikellmu fil-lukanda għalkemm ġie mitlub jagħmel dan.

---

[9] CCTV Footage u CCTV Stills fil-USB drive Dok. MB2. Ara wkoll fol. 80, 82, ritratti t'isfel formanti parti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, Dok. MB.

- Ix-xhieda ta' Meriam Abdussalem in kwantu: (i) fir-ritratti meħudin mill-filmati tal-camera CCTV fil-lukanda[10] hija għarfet lill-imputat Munir Gammudi kif ukoll il-persuna Tunezina li kien magħhom dakinhar; (ii) xehdet li kienet qiegħda tirrisjedi mal-imputat fil-kamra mikri minnu fil-lukanda[11]; (iii) xehdet li t-Tuneżin kellu f'idejh ħafna basktijiet b'diversi oġġetti fihom li ma tafx ta' min huma[12] u wħud minn dawn l-oġġetti spiċċaw fil-flat il-ġdid tagħha u l-imputat kien qalilha, sussegwentement, li dawn l-oġġetti ġew minn diversi kmamar fil-lukanda.

- Il-Qorti fliet ix-xhieda ta' Meriam Abdussalem u tosserva illi mkien fid-depożizzjoni tagħha ma stqarret direttament illi kien l-imputat li daħal jisraq mill-kmamar fil-lukanda u seraq l-oġġetti li rat fil-basktijiet li kien qed iġorr ir-raġel Tuniżin, u ma qalitx lanqas li l-imputat kien qalilha li kien hu li kkommetta dawn is-serqiet. Ma jirriżultax konklussivament lanqas mid-depożizzjoni tagħha, li kien l-imputat li kien ġarr dawn l-oġġetti fl-appartament il-ġdid tagħha[13]. Xehdet illi uħud minn dawn il-basktijiet li kien qed iġorr ir-raġel Tuniżin tpoġġew fejn it-taxi li kien qed jistenna isfel barra l-lukanda, filwaqt li oħrajn ħadhom it-Tuneżin.

Jiġi mfakkar ukoll illi mill-filmat esebit in atti[14] il-persuni li kellhom f'idejhom il-basktijiet u jidhru ħerġin bihom mil-lukanda, m'huma ħadd ħlief l-istess xhud, Meriam Abdussalem u l-persuna Tuneżina, li mill-provi jirriżulta li kien ċertu Tarek Ftis. Għandu jingħad ukoll illi wara li osservat il-komportament ta' Meriam

---

[10] L-istess ritratti li jifformaw parti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, Dok. MB.

[11] Din ix-xhud, filwaqt li għarfet lilha nnifisha fir-ritratti li nħarġu mill-filmati tal-camera CCTV tal-lukanda fejn tidher ħierġa mill-bieb tal-komun tal-lukanda darbtejn b'basktijiet f'idejha, ikkonfermat illi f'dawn il-basktijiet kien hemm il-ħwejjeġ u oġġetti ta' ċertu Abu Fares li kien imsiefer, fejn kienet qiegħda tittrasportahom fir-residenza l-ġdida tagħha ġewwa Buġibba

[12] Fosthom ġakketta tal-ġilda, żraben, tnejn jew tliet laptops, mobile phone u passaporti u dokumenti ta' ċittadin Sirjan.

[13] Naturalment, il-Qorti m'hijiex sejra tagħmel referenza lill-verzjoni lil tat l-istess Meriam Abdussalem lill-Pulizija u dan minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 646 tal-Kap. 9.

[14] USB Dok. MB2.

Abdussalam fuq il-pedana tax-xhieda, fejn dehret evidentement skomda u kemmxejn evażiva, il-Qorti ma tħossx li tista' tagħti affidabbilita' pjena lix-xhieda tagħha.

Tosserva wkoll illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ressqitx lil Ahmed Tarek Ftis biex jixhed quddiem il-Qorti għalkemm mill-atti proċesswali jirriżulta li huwa kien ġie mitkellem mill-Pulizija dwar l-involviment tiegħu f'dawn is-serqiet. Fil-verżjoni li ġiet rapportata fir-rapport tal-okkorrenza[15] l-imsemmi Ahmed Tarek Ftis ċaħad l-involviment tiegħu fis-serqiet u pponta subajgħ lejn l-imputat Munir Gammudi, fejn stqarr li kien l-istess Gammudi li kien talbu jgħinu jniżżel xi boroż mil-lukanda iżsa ma jafx x'kien fihom. Madankollu, minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li x-xiehda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u *viva voce*, u billi ma jsibux applikazzjoni f'dan il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12[16] għaliex mill-atti ma jirriżultax illi l-Prosekuzzjoni kienet impedita minħabba xi raġuni valida milli ġġib din il-persuna biex tixhed *viva voce* - u tassew ma ngħtat l-ebda raġuni kwalsiasi għaliex din il-persuna ma ġietx imħarrka biex tixhed - il-Qorti tqis li l-verżjoni ta' Ahmed Tarek Ftis kif rapportata fl-imsemmi dokument, in kwantu huwa jinkrimina lill-imputat, tikkostitwixxi xejn għajr xhieda fuq kliem ħaddieħor (*hearsay*) u kwindi hija inammissibbli bħala prova.

Huwa minnu illi s-serqiet ġew kommessi fid-9 ta' Lulju 2020 u fl-istess ħinijiet li fihom l-imputat u l-persuni l-oħra li kienu miegħu, jidhru deħlin u ħerġin mil-lukanda, u huwa minnu wkoll illi l-imputat ma reġax tfaċċa fil-lukanda wara dakinhar, minkejja li kellu l-kamra mħallsa bil-quddiem sal-24 ta' Lulju 2020. Iżda l-Qorti ma tistax b'daqshekk tqis li dawn l-indizzji, anke jekk meħudin komplessivament, jikkostitwixxu prova konklussiva li kien l-imputat u mhux xi persuna oħra, fosthom xi persuna minn dawk li fil-filmati dehru ħerġin bil-basktijiet mil-lukanda, li kkommetta dawn iż-żewġ serqiet.

---

[15] Dok. RA1.

[16] *"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra"* - reżi applikabbli għall-proċeduri odjerni bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova*".

Il-fatt li mix-xhieda ta' Meriam Abdussalem jirriżulta li l-imputat kien jaf li kien hemm oġġetti li nsterqu minn kmamar oħrajn fil-lukanda Mavina Hotel, kif ingħad diġa', ma jista' qatt waħdu, in mankanza ta' xi prova oħra univoka, diretta jew ċirkostanzjali u li tassew torbot lill-imputat mal-kommissjoni tas-serq bi sgass mill-kmamar mikrijin lil Ramil Kalikin u lil Mahmoud Ismail Ahmed, jikkostitwixxi prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li kien proprju huwa stess li seraq dawn l-oġġetti.

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simeon Nicholas Sultana**[17] gie ikkunsidrat illi:-

"*... in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l-prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il-kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu*

[17] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru 2001 u citata fis-sentenza **Il-Pulizija vs Sergio Agius**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Settembru 2019.

*ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sejbien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*"

Il-Qorti żgur m'hijiex sejra tasal għal xi konklużjonijiet ibbażati purament fuq konġetturi, suspetti jew spekolazzjoni u tosserva illi anke jekk b'din ix-xhieda u l-provi indizzjarji l-oħra fuq elenkati, kellha tqis li huwa ppruvat illi l-imputat in segwitu għas-serqiet, kien fil-pussess ta' xi oġġetti li jista' jkun li huma l-istess oġġetti li ġew rapportati misruqa minn Ramil Kalinkin u Mahmoud Ismail Ahmed[18], **din żgur m'hijiex prova, wisq inqas prova fil-grad li jeħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali fl-ordinament ġuridiku tagħna, li l-imputat sgassa l-bieb tal-kmamar A404 u A303 u daħal jisraq huwa dawn l-oġġetti huwa stess**.

F'kull każ, l-imputat ma ġiex mixli bir-reat ta' riċettazzjoni taħt l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 u għalhekk anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-oġġetti li Meriam Abdussalem rat kienu effettivament l-istess oġġetti rapportati nieqsa u li kien l-imputt li seta' ġabhom fl-appartament fejn marru jgħixu wara li telqu mil-lukanda, l-imputat xorta waħda ma jistax jinstab ħati li kien fil-pussess ta' oġġetti misruqa.

Magħdud dan kollu l-fatt illi anke jekk għal mument, il-Qorti kellha tagħmel referenza għal dak mistqarr mill-imputat fl-interrogazzjoni li saritlu fid-19 ta' Settembru 2020 - minkejja li ma jirriżultax li kien assistit minn interpretu u fejn ma nġabitx prova konkreta illi l-imputat irrinunzja speċifikatament u b'mod effettiv għad-dritt li jkun assisit legalment - hija ma tistax twarrab il-fatt li huwa ċaħad li qatt daħal fil-kmamar ta' persuni oħrajn residenti fil-lukanda.  Ma tistax twarrab lanqas id-dikjarazzjoni tiegħu li huwa kien kera post ieħor fejn kien ser imur joqgħod ma' Meriam Abdussalem u ma' Abu Fares - fatt li huwa affermat mill-istess Meriam Abdussalem - u li kien diġa' ġarr l-affarijiet tiegħu fil-post il-ġdid il-lejl ta' qabel.  Allegazzjoni li hija konfortata mill-fatt li, kif diġa' ngħad, huwa ma jidhrix fil-filmati esebiti li qiegħed iġorr basktijiet barra mil-lukanda.  Hemm ukoll il-fatt illi l-verżjoni tiegħu illi

[18] Iżda hawnhekk il-Qorti tosserva li Meriam Adbdussalem f'ebda waqt ma qalet li t-taxi kien qiegħed jistenna biex iwassal lilha u lill-imputat fir-residenza l-ġdida tagħhom.

l-kamra kienet mikrija u mħallsa sal-aħħar tax-xahar, ġiet affermata minn Christopher Camilleri, il-General Manager.

**Kollox magħdud, jibqa' *a lurking doubt* f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat u tħoss li hija nieqsa dik il-prova li torbot lill-imputat ineżorabbilment u konklussivament maż-żewġ serqiet kif ukoll il-prova li kien l-imputat u mhux il-persuni l-oħrajn li dehru jġorru l-basktijiet barra mil-lukanda, li kkommetta s-serq mill-kmamar mikrijin liż-żewġ derubati.**

In konklużjoni, għandha ssir referenza għax-xhieda ta' Christopher Camilleri fejn sostna illi wara li l-imputat telaq mil-lukanda, huwa sab li l-kamra li kienet mikrija lilu, bin-numru A403, kienet kompletament vojta għaliex kienu ttieħdu l-ložor, imħaded u l-affarijiet kollha li jkunu fil-kamra tal-lukanda.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm l-imputat ma ġiex mixli espressament fiċ-ċitazzjoni li huwa kkommetta serq għad-dannu tas-sidien ta' Mavina Hotel, ma hemm ebda obbligu legali fl-Artiklu 360 tal-Kodiċi Kriminali li jitniżżel l-isem tas-suġġett passiv tar-reat f'att ta' ċitazzjoni.  Dan diversament minn dak stipolat misjub fl-Artikolu 589(c) tal-istess Kodiċi fejn, meta si tratta tal-Att tal-Akkuża jobbliga lill-Avukat Ġenerali li jikteb l-istess Att b'mod li:-

*(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.*

Għalhekk, ġaladarba mhux tassattivament meħtieġ mill-istess Liġi, xi differenza jew diskrepanza fir-rigward tal-indikazzjoni tal-isem tad-derubat ma għandhiex tinċidi fuq il-ħtija o meno tal-imputat - dment li din il-ħtija tkun pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni fir-rigward tar-reat ipotizzat.

Iżda ma tressqux provi dwar din is-serqa għad-dannu tas-sidien ta' Mavina Hotel. Ma jirriżultax illi l-esperti tax-xena tad-delitt iffotografaw din il-kamra fl-istat denudat li xehed dwaru Christopher Camilleri u ma sar l-ebda inventarju formali tal-oġġetti allegatament misruqa. Magħdud dan il-fatt illi ma jirriżultax li din is-serqa ġiet rapportata formalment lill-Pulizija.

Iżda fi kwalsiasi każ, il-Qorti m'hijiex konvinta illi huwa ppruvat illi kien l-imputat u l-imputat biss li neħħa mill-kamra mikrija lilu, l-oġġetti appartenenti lil-lukanda meta evidentement, mill-provi jirriżulta illi residenti fl-istess kamra mal-imputat kien hemm ir-raġel Tuneżin u Meriam Adbussalem, l-uniċi persuni li jidhru joħorġu mil-lukanda diversi boroż.

Għaldaqstant, ma tistax issib ħtija fl-imputat odjern u sejra tilliberah mill-akkużi ta' serq kif ukoll, per konsegwenza, mill-addebitu tar-reċidiva.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil ALI MOHAMMED MUNIR GAMMUDI ħati, ta' ebda wieħed mir-reati li ġie mixli bihom u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**